MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**DEMICOLI AUDREY**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 653/2002/1

**Avviz Numru 653/02 AJD**
**Costantino Borg ghan-nom u in rappresentanza ta' Freeways Limited**

**vs**

**Albert Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elf, mitejn u disgha u tmenin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1289.45) rapprezentanti danni subiti mis-socjeta' attrici fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LVY 141 in segwitu ghall-incident stradali li sehh gewwa B'Kara fl-14 ta' Mejju 2001 waqt li l-konvenut Albert Camilleri kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBY 067, ghall-liema incident kien unikament responsabbbli l-istess konvenut minhabba

mperizja, traskuragni u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn li ghall-istess incident kien responsabbli unikament il-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tas-6 ta' Frar 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, l-Omnibus Pool, u bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:
1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izdaa unikament htija tal-attur Costantino Borg bhala xufier tal-vettura numru LVY 141.
2. Ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur nomine. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur nomine ghandu jgib il-prova tad-danni.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-attur nomine.
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

Sema' x-xhieda ta' PS 201, Sandro Magro, tal-attur Costantino Borg, tal-konvenut Albert Camilleri, ta' Justin Schembri u ta' Malcolm Vella. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Mejju 2001, f'Triq il-Balal, B'Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LVY 141, propjeta' tas-socjeta' attrici u misjuqa mill-attur nomine Costantino Borg, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBY 637 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attur nomine, Costantino Borg, xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-minibus bin-numru tar-registrazzjoni LVY 141, kien qed iwassal tfal tal-iskola u kien gej mid-direzzjoni tan-Naxxar u sejjer fid-direzzjoni ta' B'Kara. Huwa kien qed isuq fi Triq tal-Balal u ried idur lejn

il-'Vibes'. Huwa qal li jghaddi minn dik il-lokalita' kuljum u li dak il-hin kellu zewgt itfal fil-vann u kien ser iwassalhom Ta'Paris. Huwa jghid li qabel ma beda jdur xeghel l-'indiator', naqqas il-velocita' u baqa' ghaddej fuq in-naha tieghu tat-triq. Dejjem skond l-attur nomine, malli kwazi waqaf, ix-xarabank misjuqa mill-konvenut marret biex tissorpassah u laqtitu mal-genb tal-minibus fuq in-naha tas-sewwieq, mill-bieba lura. Il-hsara fix-xarabank kienet fuq quddiem man-naha tax-xellug. Huwa jghid ukoll li bid-daqqa l-vettura tieghu spiccat imbuttata l-quddiem u li huwa ma kienx ra x-xarabank tal-konvenut qabel l-impatt. In kontro-ezami l-attur nomine qal li ezatt qabel l-impatt huwa kien qed isuq lejn nofs it-triq u li huwa mar ghal nofs iit-triq tul ta' xarabank jew tnejn il-boghod minn fejn sehh l-impatt. L-attur nomine jsostni wkoll li qabel ma proceda ghal nofs tat-triq huwa hares fil-mera tan-nofs u fil-mera tal-lemin sabiex jara humiex gejjin vetturi minn warajh u kkonstata li ma kienux gejjin vetturi.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra jsostni li huwa kien qed isuq ix-xarabank tieghu fi Triq tal-Balal gej mid-direzzjoni tan-Naxxar u sejjer lejn San Gwann. Huwa kellu vjagg tat-tfal tal-iskola. Huwa jghid li kien qed jipprocedi ghad-dritt meta ra l-vettura tal-attur nomine fil-genb tat-triq –"kienet qed tidher li jew ser tipparkja jew li ser iddur ghan-naha tax-xellug lejn il-Madliena". Skond il-konvenut huwa kien il-boghod minn din il-vettura madwar tul ta' xarabank meta raha f'din il-posizzjoni. Il-konvenut isostni li f'daqqa wahda, u minghajr ebda sinjal, il-vettura tal-attur nomine kisret ghal quddiemu. Malli ra din il-manuvra l-konvenut daqq il-horn, ghafas il-brake u qaleb lejn il-lemin sabiex jevita l-impatt.

Illi l-incident sehh fi Triq tal-Balal fl-inkrocju li hemm hdejn il-Mekkek Bar u l-llum il-konfigurazzjoni tat-triq m'ghadhiex l-istess.

Illi l-konvenut ipproduca zewg xhieda li kienu tfal passiggiera fix-xarabank tieghu fil-mument tal-incident Dawn iz-zewg xhieda kkoroboraw il-verzjoni moghtija mill-konvenut fis-sens li t-tnejn sostnew li l-vettura tal-attur nomine l-ewwel kisret lejn ix-xellug u mbaghad f'daqqa

wahda kisret lejn il-lemin minghajr ebda sinjal. F'dan ir-rigward it-Tribunal jirritjeni li l-verzjoni tal-attur nomine hija aktar kredibbli u dan ghaliex l-attur nomine kien jaf ezattament fejn ried imur fis-sens li kien qed jaghemel vjagg li huwa kien jaghmel ta' kuljum u ghalhekk ma kellu ebda raguni ghalfejn jikser lejn ix-xellug u mbaghad jikser lejn il-lemin. In kwantu jirrigwarda dan il-fatt il-verzjoni moghtija mill-konvenut u mix-xhieda minnu prodotti qed tigi skartata.

Illi l-konvenut xehed ukoll li x-xarabank tieghu spica parzjalment fuq in-naha hazina tat-triq meta huwa prova jevita lill-attur nomine malli dan invadielu l-karreggjata. L-iskizz izda jindika li fil-mument li l-konvenut ra l-vettura tal-attur nomine tikser lejn il-lemin, huwa kien diga parzjalment fuq in-naha l-hazina tat-triq. Dan jirrizulta mill-brake marks li hemm riportati fl-iskizz. Is-surgent tal-pulizija li nvestiga l-kaz fil-fatt ikkonferma li l-brake marks ienu jibdew minn taht ir-rota tax-xarabank u jkomplu taht ix-xarabank. Dan ifisser li l-konvenut kien diga fil-posizzjoni ndikata fl-iskizz meta ghafas il-brake u cioe' meta ra l-vettura tal-attur nomine tikser lejn il-lemin u ghalhekk il-konvenut kien parzjalment fuq in-naha hazina tat-triq meta effetwa l-manuvra ta' surpass.

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-incident de quo sehh billi l-attur nomine effetwa 'right hand turn' waqt li l-konvenut kien qed jittenta manuvra ta' surpass parzjalment fuq in-naha l-hazina tat-triq u ghalhekk z-zewg sewwieqa huma t-tnejn responsabbli ghall-akkadut. Kif qalet ben tajjeb il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'sentenza tal-15 ta' Marzu 2002 fil-kawza fl-ismijiet 'Citadel Insurance plc vs Paul Galea' (Citaz. Nru 2576/00AJM "fir-rigward ta' ncident simili ghal dak in ezami cioe' meta isehh habta waqt surpass meta il-karozza ta' quddiem qed tbiddel id-direzzjoni, insibu decizjonijiet konfliggenti izda dan ma jigrix billi d-diversi gudikanti ma jaqblux fuq il-principji li ghandhom jigu applikati, izda pjuttost minhabba li jkun hemm cirkostanzi rilevanti li jvrjaw minn kaz ghal iehor".

Illi c-cirkostanzi fil-kaz odjern jindikaw li li l-attur nomine u l-konvenut it-tnejn kienu traskurati u negligenti fis-sewqan

taghhom. L-attur nomine ma hax dawk il-prekawzjonijiet kollha necessarji qabel ma effetwa 'right hand turn' intizi sabiex jaccerta ruhu li bil-manuvra li kien ser jaghmel ma kienx ser jostakola t-traffiku li kien gej minn warajh.

Illi r-regoli li jirregolaw ksur lejn il-lemin huma dawk indikati mir-**regolament 85 tal-Highway Code** li jipprovdi li:-

*"Well before you turn at junctions or intersections take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and when safe to do so take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn".*

*"On turning at a junction look right, then left and right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so.*

Illi skond il-**Gibb** - ***"Trial of Motor Car Accident Cases"*** jinghad ukoll li:-

*"A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle…..making it impossible for the driver of the rear car to avoid a collision….The cut of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care".*(p.85).

Illi l-istess awtur ikompli jghid li:-

*"It is not enough to sound the horn or give some either signal; it is also nesessary that such warning be given at the proper time and place". The signal should be given so that it will serve its purpose".*

Illi l-istess issostni l-awtur **Wilkinson** fil-ktieb tieghu ***"Road Traffic Offences"*** meta jsostni li *"the driver's duty*

*is not confined to making signals; he must see, so far as he can that they have been understood".*

Illi konformament mal-istess gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna inkluz fis-sentenza **"Il-Pulizija vs F. Schembri".** (A.K.26 ta' Gunju 1968) li:

*"Min johrog l-indicator, ikun qed jaghti, kif huwa obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax, sempliciment ghax hareg l-indiactor, jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti u jaqleb ir-rule of the road favur tieghu". "Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq, izda mhux bizzejjed biex jkun jista' jaqsam".*

*Illi fil-kaz odjern ghalkemm l-attur nominee jghid li xeghel l-'indicator' u hares fil-mera, huwa xorta ma acertax ruhu li t-traffiku li kien gej minn warajh fehem l-intenzjoni tieghu li jdur lejn il-lemin. Kif diga' ntqal aktar il-fuq, l-attur nomine xehed li huwa ra l-vettura tal-konvenut biss mal-impatt u ghalkemm huwa jsostni li hares fil-mirja qabel ma effetwa r-right hand turn, it-Tribunal ma jistghax jifhem kif huwa ma rax il-vettura tal-konvenut jekk verament hares fil-mirja.*

Illi min-naha l-ohra min ikun qed jaghmel manuvra ta' sorpass ghandu jaghmel dan b'sigurezza, u dan sal-punt li meta jigi osservat li l-*overtaking* ikun perikoluz skond *driver* prudenti li dejjem jista' jipprevedi li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tbiddel ir-rotta, is-sewwieq ghandu dejjem jevita li jaghmel l-istess sorpass. **("Il-Pulizija vs Manwel Mallia"** - XLIII.1001; **"Il-Pulizija vs John Ripard"** - XXXVI.749; **"Il-Pulizija vs S.A.C.J.Agius").**

Illi fuq is-suggett ta' sorpass huwa principju generali indikat fil-paragrafu 71 tal-*Highway Code* li:-

*"Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself and to others. Be specially careful at dusk and in mist, when it is more difficult to judge speed and distance".*

Illi fl-ahharnett ghal dak li huwa relevanti ghall-kaz in kwistjoni insibu wkoll li l-paragrafu 74 jipprovdi li:-

*“DO NOT OVERTAKE at or when approaching:*
*(i) a pedestrian crossing;*
*(ii) a road junction;*
*(iii) a sharp corner or bend;*
*(iv) the brow of a hill;*
*(v) a hidden dip.”*

Illi *minn dawn ir-regoli jidher li meta wiehed jaghmel sorpass dan ghandu jiehu r-responsabilita’ tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista’ tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-ohra tal-istess triq, Il-konvenut ittenta jaghmel manuvra ta’ surpass f’inkrocju u ghalhekk bi ksur tar-regola tal-Highway Code hawn fuq imsemmija u di piu’ parzjalment fuq in-naha l-hazina tat-triq.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal iz-zewg sewwieqa jahtu f’ishma ndaqs ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza.*

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-attur nomine ma giex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-attur nomine esibixxa l-ircevuti relattivi ghad-danni minnu pretizi. Il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal nofs id-danni pretizi mill-attur nomine u ghalhekk ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta’sitt mija u erba’ u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm644.72).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi billi, filwaqt li jiddikjara lill-attur nomine u lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza fi kwoti ndaqs bejniethom, u dan ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq, jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ sitt mija u erba’ u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm644.72), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tas-6 ta’ Frar 2002 u tal-ittra ufficjali

prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**